FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-9 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
GEORGE (GEORGE ALFRED) BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George (George Alfred) Borg ta' 22 sena iben Alfred u Anna nee Borg, imwieled Pieta nhar id-29 ta' Mejju 1978, residenti gewwa Block D, Flat 15, Triq Bertha Kilg, Ta' Giorni u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 310878M talli nhar l-20 ta' Frar 2001 ghal habta ta' 11am minn gewwa l-parkegg ta' l-Universita ta' Malta jew mill-vicinanzi, ikkommetta serq ta' faccata ta' stereo ta' ghamla Alpine, minn gewwa karozza ta' ghamla Opel, bin-numru tar-registrazzjoni AAC 575, liema stereo jiswa madwar Lm100 ghad-detriment ta' Odette Saliba, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe li jikkommetti reat ta' serq ta' stereo ta' ghamla Alpine, b'valur ta' madwar ta' Lm100, minn gewwa l-imsemmija vettura, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt huwa kwalifikat bil-mezz, valur u xorta ta' haga misruqa, ghad-detriment ta' Odette Saliba, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Talli fl-istess jum, hin, lo u cirkostanzi, kkommetta hsara volontarja fuq l-imsemmija vettura, ghad-dannu ta’ Odette Saliba, liema hsara volontarja tammonta ghal aktar minn Lm50 izda ghal inqas minn Lm500.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, u fil-granet ta’ wara, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli ikkommetta reat ta’ serq aggaravat, waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, kif imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta nhar l-20 ta’ Novembru 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Talli sar ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 ta’ Kodici Kriminali, meta kien diga instab hati u ikkundannat ta’ reati mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Novembru 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 270, 271, 325, 45, 50, 28A, 28B, 2(b) u testendi il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza tal-20 ta' Novembru 2000 ghal erbgha snin liema perjodu jibda jghodd mil-lum.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.